Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,608, 24 ta' Marzu, 2026

Taqsima B

A.L. 63 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad għall-Grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours) taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours) u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours), taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 541 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2026 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew minn test ta' profiċjenza fl-Ilsien Ingliż kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu fil-kors,

diment li l-applikanti li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew ogħla jew fil-livell 3 tas-SEC fl-Ingliż jew grad ta' "Għadda" fl-istess livell fi kwalifika komparabbli, għandhom ikunu eżentati milli joqgħodu għat-test ta' profiċjenza."